Jannar - Ġunju 2021

Ħarġa Nru: 105

# IL-PRESEPJU

**Pubblikazzjoni Għaqda Ħbieb tal-Presepju - MALTA**



Newspaper Post

c/o 56, "Amaltea"
Triq il-Marġ, Attard, ATD 2382

**Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta**

Ħarġa tal-fuljett
Jannar - Ġunju 2021
Maħruġ kull 6 xhur: VO / 0844

Kull korrispondenza għandha tiġi indirizzata lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
"Amaltea" 56, Triq il-Marġ,
Attard, ATD 2382, Malta

*Proof-Reading:*
Jessie Chircop / Alex Powell
Jonathan Balzan

*Setting*: Stefan Zahra



Ritratt tal-Qoxra:
Santa antika tan-Nativitá

Stampat:
**BONNICI PRESS**
VALLETTA
Tel: 2122 4607

# Werrej

| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 03 |
| Kelmtejn mill-President | 04 |
| Inħarsu 'l quddiem | 05 |
| Tliet presepji ta' Liechtenstein | 06 - 08 |
| Julklapp | 09 - 10 |
| Kurżitajiet / Kjarifika "San Ġorġ Preca" | 11 - 12 |
| Is-Seħer tal-Milied | 13 |
| Il-Bolli tal-Milied f'Malta | 14 - 18 |
| Covid 19 bi tbissima | 19 |
| L-istoriċità ta' Betlehem bħala post fejn twieled Ġesu | 20 - 21 |
| Esperjenza ta' Presepji Maltin f'Washinton DC | 22 - 23 |
| Admirabile Signum ( L-ewwel parti) | 24 - 25 |
| Kif tagħmel pastur tal-Fildiferru | 26 - 27 |
| L-influwenza ta' pajjiżi barranin fuq il-presepju Malti | 28 - 29 |
| Il-Presepju fil-Vanġelu | 30 |
| Avviż dwar laqgħat kif tagħmel presepju | 31 |
| Ritratti ta' wirjiet barra xtutna | 32 |

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju, Malta tirringrazzja lil kull minn kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal ...

Meta qiegħed nikteb dan l-editorjal nkunu ilna sena minn meta faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19. Dak iż-żmien konna bit-tama li din kienet ser iddum magħna għal ftit taż-żmien. Ħadd ma bassar li sa' sena wara din is-sitwazzjoni tmur għall-agħar. Sakemm qiegħed inħażżeż dan l-editorjal, inħossni konfuż u mħawwad x'naqbad ngħid. Li naf huwa li din il-pandemija ħasdet il-ħajja ta' eluf ta' nies, farrket familji sħaħ. Ħalliet ħerba... kemm fuq il-ħajja soċjali, kif ukoll fuq il-mod ta' kif ngħixu. Naraw lil xulxin imma ma nistgħux nitgħannqu jew nieħdu b'idejn l-għeżież tagħna. Din hija s-sitwazzjoni illum, 17 ta' Marzu 2021. F'Malta u Għawdex kellna l-akbar ammont ta' nies infettati f'ġurnata waħda ... 501 persuna. Sitwazzjoni ta' tħassib ... tal-biża'.

Kull għaqda, volontarja jew mhix, qegħda mfixkla kif ser tibqa' tiffunzjona u tkompli għaddejja bl-attivitajiet tagħha. Alla veru qiegħed mal-għaqda tagħna, biex sa' issa bqajna għaddejjin. Hawn ikolli nieqaf u naħseb ... xi jrid Alla minnha?
Ir-risposta rridu nsibuha waħedna.
Nittamaw ... Nisperaw!!

Inħares lura u nasal wasla sa' Betlem u hemm qiegħed nara ġeġwiġija ta' nies, jiġbdu l-bhejjem tagħhom, ifittxu kenn sakemm jasal il-ħin tagħhom biex jirreġistraw fl-ewwel ċensiment li ordna Cesare Augusto. Kulħadd ifittex jirreġistra biex jeħles u jmur 'l hemm. Kulħadd ried joqgħod għall-ordnijiet tar-Rumani jew kif kienu magħrufa...il-ħakkiema tal-Lhud. B'hekk ikunu għamlu dmirhom... obdew l-istruzzjonijiet tar-Rumani.

Waqaft naqra mill-ħsibijiet tiegħi ġo Betlem u għamilt paragun bejn dak li ġara f'Betlem elfejn sena ilu, u dak li qed jiġri f' Malta fil-ġurnata ta' llum. Kemm qegħdin nobdu l-ordnijiet tal-awtoritajiet tas-saħħa? Kemm qed inżommu d-distanza ta' żewġ metri bejnietna? Kemm qed nilbsu l-maskla? Kemm qed naħslu jdejna kif suppost? Kemm qegħdin ma ninġabrux fi gruppi kbar? ... Ma nafx.

Jien f'pandemija bħal din nasal ngħid li l-Bambin Ġesù jrid juri lill-bniedem li huwa twieled f'għar ġewwa Betlem biex isalvana, iżda xi kultant iħalli ċertu sitwazzjonijiet jiġru biex ibeżbiżna. Jien nibqa' nittama li kollox jerġa jiġi għal li kien jekk il-bniedem jagħraf li waħdu ma hemmx ċans li nsalvaw. Inħallu f'idejn Alla.

Nota żgħira...din is-sena bqajna bla wirja li s-soltu ttella' l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta minħabba l-pandemija. Kienet weġgħa ta' qalb. L-ewwel darba li ma saritx f'34 sena. Pero' l-presepju baqa' xorta f'qalbna. Nisperaw u nittamaw li noħorġu qawwijin u sħaħ minn din il-mewġa.

**Frans Chircop**
Editur

# Kelmtejn mill-President



ALEX POWELL

Ilna ma' niltaqgħu ħbieb!

Il-pandemija talbet minna sagrifiċċji kbar u fit-tul. Il-Milied li għadda ma stajniex niltaqgħu kif xtaqna, ma stajniex nesebixxu l-presepji tagħna. Minkejja l-isforzi, anke l-wirja tal-għaqda tagħna kellna niċċaħħdu u nċaħħdu minnha. L-ewwel darba wara 33 sena.

L-akbar preokkupazzjoni tiegħi huma t-tfal. M'għandniex manifestazzjonijiet u wirjiet (mhux tal-presepji biss) x'igawdu, ma setgħux jaraw, jimirħu, jimmaġinaw. Allura r-responsabbilta' tagħna, li dejjem kellna, issa kibret.

Irridu nkunu aħna li ma nħallux lil uliedna u ulied uliedna lura minn dak li ma rriduh jispiċċa qatt. Jekk irridu li l-presepju jibqa' ħaj billi ngħadduh lil uliedna, fl-assenza ta' esebizzjonijiet, irridu niġbruhom magħna aħna u naħdmu l-presepji tagħna, nagħtuhom il-materjal f'idejhom, ngħinuhom jammiraw il-pasturi, u jimirħu fis-seħer tal-presepju fid-djar tagħna.

Anke l-midja soċjali tgħinna nagħmlu dan. Inkellmuhom fuq il-ġmiel tal-presepju u dak kollu li fih, dak li jirrappreżenta. Nimlew aħna l-vojt li nħoloq minħabba ċ-ċirkostanza li għexna u għadna ngħixu.

**Volontarjat**

M'hemmx għalfejn tkun tagħmel parti minn kumitat ta' xi għaqda volontarja biex tinduna bl-iskumdita' li qed iħossu dawn l-għaqdiet, inkluż aħna, minħabba r-regolamenti li qed jissikkaw fuqna. Il-volontarjat ismu miegħu, wieħed jidħol għalih biex jagħti l-ħin tiegħu b'impenn mingħajr ma jieħu xejn lura, ħlief is-sodisfazzjon li joffri dan il-qasam. Kulħadd jifhem li biex għaqda żżomm ħajja u tkun tista' tilħaq l-għanijiet tagħha, għandha bżonn il-finanzi, u kontinwament trid taħseb minn fejn ħa tiġbor. Filwaqt li tajjeb li jkun hemm ċertu regolamentazzjoni li jesiġu serjeta', imma ssikkar żejjed jista' jibda jweġġa' u jaqta' l-qalb. Jista' jkun li dak li qed jiġri diġa qed iwassal għal dan. Ħafna ukoll qed jirraġunaw li qisu mhux biżżejjed li għaddejjin minn pandemija li naqqsitilna d-dħul finanzjarju qatigħ, kellna bżonn dan kollu.

Nawgura li dan kollu ma jħallix effetti li ħadd ma jixtieq, u li s-sens komun jirbaħ biex nibqgħu naħdmu bil-qalb u bl-imħabba.

**Paċi u Sliem**

# Inħarsu 'l quddiem

MINN CHARLES BELLIA

Wara ħmistax –il xahar ta' taqtigħ il-qalb li matulhom il-Covid 19 għamel ħerba mid-dinja, jidher li bil-għajnuna t'Alla s-sħab mudlam beda jiċċara. Bil-wasla tal-vaċċin, it-tberfila fid-diena, madwar kull sħaba sewda, saret raġġ ta' tama li ġiegħelna niċċaqalqu u naħsbu fil-futur. Finalment, wara diversi xhur li matulhom konna wasalna biex nitilfu r-raġuni, kulħadd fehem li biex it-tixrid tal-pandemija seta' jieqaf kien hemm bżonn id-dixxiplina u l-perseveranza.

Flimkien u bid-determinazzjoni wasalna biex illum qed nibdew inħarsu 'l quddiem u naraw kif ser nirritornaw bil-mod lejn ħajja mimlija ħeġġa biex inkomplu fejn kellna nħallu sena u nofs ilu.

Matul il-pandemija l-Għaqda tagħna, bħal kull organizzazzjoni oħra, tilfet ħafna mill-enerġija neċessarja biex tmexxi 'l quddiem l-għanijiet tagħha. Fadal ftit anqas minn sitt xhur għall-festa tagħna! Is-sitwazzjoni qegħda dejjem tiċċara; għalhekk wasal iż-żmien biex anke aħna, nifthu għajnejna u nibdew naħsbu kif ser nerġgħu nintlew bl-entużjażmu lejn id-delizzju sabiħ tagħna.

Naturalment kulħadd jistenna li t-tmexxija tal-Għaqda tagħti l-ewwel pass; u dan bir-raġun!

Fil-ftit laqgħat li għamel matul is-sena li għaddiet, il-Kunsill Amministrattiv iddiskuta diversi attivitajiet li jistgħu jinteressaw lill-membri. Fost dawn issemma' Bazaar jew Table Show li matulhom, barra milli nġeddu u naqsmu ideat u proġetti, jkollna wkoll xi aċċessorji għal bejgħ, biex fl-istess ħin inċaqalqu ftit ir-rota li tul ix-xhur li għaddew ibbieset xi ftit. Ħsibna wkoll biex nagħmlu xi laqgħat li fihom niftakru f'dak li konna nagħmlu qabel il-pandemija. Fuq kollox qed nittamaw li bil-għajnuna tal-Bambin, il-Covid iħallina kwieti biex nerġgħu ntellgħu l-wirja ta' Presepji fil-Belt Valletta.

Biex naslu għal dan irridu nimxu bil-għaqal. Insegwu sew dak li jkun qed jiġri madwarna u anke nitolbu l-parir ta' min jaf aktar minna dwar il-Covid. Imma jekk ma nibdewx naħsbu minn issa, jasal iż-żmien mixtieq u jsibna għadna nongħosu!

Mela, kuraġġ ... iġbru l-materjal, ħalltu l-kolla mal-ġibs u **EJJEW NIBDEW NIBNU L-PRESEPJU 2021**. Għal xi parir jew għajnuna tiddejqux tikkuntattjawna. Aħna ser inżommukom infurmati b'dak li jkun għaddej.

Biex nagħmlu dan hemm bżonn li kull min għandu l-faċiltà tal-emejl jibgħatilna l-indirizz. B'hekk ikun qed jgħinna niffrankaw il-ħin u għaliex le ... anke xi ftit spejjeż.

# Tliet Presepji minn Liechtenstein

MINN JOSEPH C. CAMILLERI BA., DEAM., M.ED ( PL & MGT)




Liechtenstein, pajjiż żgħir bejn l-Iżvizzera u l-Awstrija, għandu d-drawwa li fi żmien il-Milied, f'kull knisja jiġi armat presepju. Fl-2011 din id-drawwa ġiet immarkata bi ħruġ ta' sett ta' bolol iddedikati lil tliet presepji, li kull sena jintramaw fit-tliet knejjes ewlenin f'dan il-pajjiż. L-iskop tal-presepju, għall-poplu ta' Liechtenstein hu li, permezz tal-presepju, il-ġrajja tat-twelid tal-Feddej tagħna tiġi esposta aktar ċar quddiem dawk li jattendu l-knisja. Il-presepju f'dan il-pajjiż jintrama kmieni fi żmien l-Avvent u jibqa' għall-wiri sal-Ewwel tas-Sena. Jidher li l-festa tal-Epifanija ftit li xejn tingħata importanza f'dan il-pajjiż.
Is-sett kien fih tliet bolol. Id-disinji tal-bolol saru bbażati fuq ritratti meħuda ta' dawn il-presepji. Kienet Stéphanie Keiser li addattat dawn ir-ritratti għal fuq il-bolol. Hija għamlet dan billi ħolqot tliet gwarniċi għal dawn ir-ritratti. Fuq dawn il-gwarniċi hi kitbet l-isem u t-titlu tal-pajjiż - Fürstentum Liechtenstein (Prinċipat ta' Liechtenstein) kif ukoll il-prezz tal-bolla. L-ewwel bolla kellha l-valur ta' 85 ċenteżmu Żvizzeri, it-tieni bolla kellha prezz ta' Frank Żvizzeru u t-tielet waħda kellha l-ogħla valur ta' Frank Żvizzeru u 40 ċenteżmu. Mas-sett, il-posta ta' Liechtenstein ħarġet tliet maximun cards. Dawn il-kartolini juru x-xeni li juru l-bolol. Fuq kull kartolina l-filatelisti jwaħħlu l-bolla li turi dik ix-xena partikulari. Naturalment kull bolla li titwaħħal tiġi kkanċellata permezz ta' timbru speċjali li jinħareġ ap-posta.

## L-ewwel bolla

L-ewwel bolla, dik ta' 85 ċenteżmu, turi parti minn presepju li jintrama kull sena fil-knisja parrokkjali ta' San Gallus. Din il-knisja tinsab fir-raħal ta' Triesen, wieħed mill-ikbar irħula ta' Liechtenstein. Il-presepju hu magħmul minn murali li hija magħmula minn skultura fl-injam. Din saret bejn is-snin 1925 u 1926.
Kien il-kappillan Dun Anton Frommelt li ordna dan il-presepju. Dun Anton ikkummissjona lill-iskultur Josef Bachlechne li kellu jimxi fuq disinji li kien ħalla warajh l-artist Johannes Troyer, li ħalla dan il-wied ta' dmugħ f'età żgħira meta aktarx li kien qiegħed jaħdem fuq dawn id-disinni. Dun

Ikompli f'paġna 7

Anton ried li l-presepju murali jkun ibbażat fuq dak li kien ħoloq Johannes Troyer. Minkejja li dan il-presepju ma tantx kien ilu li sar, xorta waħda kellu bżonn ta' restawr u dan sar meta l-knisja u t-teżori tagħha kienu qed jiġu restawrati fl-1994.

Fuq il-bolla naraw dettall ta' dan il-presepju murali. Fil-qalba tal-presepju hemm Ġesù tarbija fil-maxtura. Fuq ix-xellug hemm Omm il-Messija għarkupptejha. Fuq in-naħa l-oħra hemm ix-xbieha ta' San Ġużepp għarkupptejh ukoll. Il-Familja Mqaddsa tinsab fl-istalla magħmula mill-injam.

Wara San Ġużepp hemm il-baqra u l-ħmara, flimkien ma' xi ragħajja, waqt li wara l-Madonna hemm xi ragħajja oħra. Fuq in-naħa ta' fejn hemm il-Madonna hemm xi kreaturi tas-sema. Parti mill-presepju hu miżbugħ u parti oħra l-'pasturi' tħallew fuq l-injam. L-istil tal-presepju hu tal-aħħar żminijiet taż-Żmien tan-Nofs. Hu biċċa xogħol artistika.

## It-tieni bolla

It-tieni bolla, dik li għandha valur ta' Frank Żvizzeru, turi presepju li jintrama, fil-knisja parrokkjali tal-belt kapitali – Vaduz.

Dan il-presepju sar bejn is-snin 1920 u 1925. L-injam tal-presepju nġieb miż-żona tan-Nofsinhar tat-Tirol, l-Awstrija. Il-presepju sar minn wieħed mill-aqwa presepisti, Ferdinand Stuflesser. Dan l-iskultur ħadem ukoll sett ta' 32 pastur, kollha magħmula mill-injam. Dan is-sett jinvolvi l-figuri li jissemmew sew fil-Vanġelu ta' San Luqa u sew fil-Vanġelu ta' San Mattew. Fis-sett, fost pasturi oħra, insibu t-tliet figuri tal-Familja Mqaddsa, il-baqra u l-ħmara, ir-ragħajja, in-nagħaġ u anke t-Tliet Maġi. Kull pastur hu twil madwar 50 ċentimetru u kollha saru minn id Ferdinand Stuflesser. Sew il-presepju u sew il-pasturi ġew restawrati fis-snin it-tmeninijiet tas-seklu għoxrin.




Il-presepju juri l-Familja Mqaddsa tadura lit-Tarbija ta' Betlem li tinsab f'maxtura. Fuq naħa hemm għarkupptejha l-Madonna u fuq in-naħa l-oħra hemm San Ġużepp. Fuq wara l-figuri tal-Familja Mqaddsa hemm post fejn jinżamm it-tiben, ħaġa tipika tal-postijiet ta' dawn l-inħawi tal-Ewropa. Il-baqra tinsab fuq in-naħa tal-Madonna waqt li l-ħmara tinsab viċin San Ġużepp. L-artist ħalla barra l-istalla u poġġa l-Familja Mqaddsa f'kastell, ħaġa oriġinali għall-aħħar. Fuq in-naħa ta' San Ġużepp hemm il-wasla tas-Slaten Maġi waqt li n-naħa l-oħra hemm ir-ragħajja flimkien man-nagħaġ. Il-presepju juri żewġ aspetti tal-ambjent tal-belt ta' Betlem. Li kieku Stéphanie Keiser ħadmet fuq ritratt li kien juri l-intern tal-kastell fejn hemm il-Familja Mqaddsa, kieku l-bolla kienet tkun ferm aħjar.

## It-tielet bolla

L-aħħar bolla tas-sett għandha l-valur ta' Frank Żvizzeru u 40 ċentezmu. Dan il-presepju li jinsab fil-knisja tal-Assunta f'Bendern nħadem mill-artisti: Heizritter ta' Schaanwald, Ambros u Richard Hagen minn Tisis u Peter Hasler minn Gamprin, kollha minn

*Ikompli f'paġna 8*

*Minn paġna 7*

Liechenstein. Huma ħadmu flimkien biex ħolquh. Il-pasturi ta' dan il-presepju huma twal madwar metru. Dan l-aħħar, is-sett tal-pasturi żdied bi tliet nagħġiet li saru mill-iskultur Engelbert Ospelt minn Vaduz.

Ir-ritratt tal-aħħar presepju juri d-dettall tal-post fejn tinsab il-Familja Mqaddsa. Hu presepju tipiku taċ-ċentru tal-Ewropa.

Kollox magħmul mill-injam u s-saqaf maħdum għall-ponta. F'dan il-presepju Ġesu Bambin qiegħed f'dirgħajn il-Madonna. San Ġużepp jinsab jistrieħ fuq sieq waħda jadura lil Ġesù Tarbija.

Bejn iż-żewġ figuri tal-Familja Mqaddsa hemm fanal tipiku tal-pajjiżi li jinsabu fuq l-Alpi, sensiela ta' muntanji li jifirdu l-Italja mill-Iżvizzera u l-Awstrija; muntanji li fuqhom jinsab Liechtenstein. Fuq kull naħa tal-Familja Mqaddsa hemm ragħaj waqt li n-nagħaġ jinsabu viċin il-Madonna u San Ġużepp. Fil-quċċata tal-presepju hemm l-anġlu ħabbâr.




*Bolla Nru: 3 Valur: CHF 1.40*
*Presepju fil-knisja tal-Assunta - Bendern*

## L-aħħar kummenti

Il-presepji li jidhru fuq il-bolol saru matul is-seklu għoxrin. Dawk murija fl-ewwel żewġ bolol saru fil-bidu fil-waqt li dak fuq it-tielet bolla sar lejn tmiem is-seklu. Is-sett juri l-importanza li dan il-poplu jagħti lill-presepju. Kull presepju hu magħmul minn presepisti mgħallmin, ħaġa li f'Malta hi rari ħafna. Fl-aħħar nett dan is-sett juri t-twemmin ta' poplu, li jgħix fuq wied bejn il-muntanji tal-Alpi, u li għalih l-aqwa tiżjin għal żmien il-Milied huwa l-presepju. Ma hemmx dubju li l-presepju ikun preżenti fid-djar, skejjel u postijiet pubbliċi biex din it-tradizzjoni tant għażiża tinżamm ħajja.



# JULKLAPP

## MINN JONATHAN BALZAN



Saret tradizzjoni oħra, moda llum fis-soċjeta' tagħna fid-djar u fuq il-postijiet tax-xogħol. Ħalliha li wara l-għoti tar-rigal aktarx ma tibqa' Secret Santa xejn. Ċirkostanza oħra għal xiri ta' rigali, imma fl-istess ħin, l-element ta' sorpriża, daħk u umoriżmu jagħmilha okkażjoni ikkulurita u distinta. Taqta' dawk li ma jaċċettawx ċajta, jew rigal li jingħata bi skop malinn li jista' jweġġa' s-sentimenti. Kont nibża' wkoll li jitlagħli xi ħadd li ma nkunx naf x'ħa ntih. Ġieli ma tajtx ismi mill-ewwel, u ħallejt sal-aħħar mument. Wara kollox l-iskop ewlieni tagħha kien li tagħti rigali lil dawk li s-soltu ma jkunux fil-lista, jew m'għandekx relazzjoni partikulari magħhom. Kollha jkunu jinħassu l-istess l-ismijiet fuq biċċiet tal-karti mitwija, imma kollha jirrapreżentaw personalitajiet differenti, kuntrastanti, identiċi, eċċentriċi u diffiċli, bħali sa ċertu punt. Dis-sena partikulari ma kellix aptitha. Donnu l-Covid kompla żiedli l-apatija. Ma bdejtx inħoss l-ispirtu u l-ferħ tal-Milied tas-soltu. Kollox kien qed jidher ċass, monotonu u artifiċjali. Iktar tgerfixt meta rajt l-isem ta' Justin. Għalkemm id-dipartiment tiegħi ma tantx kien kbir, lilu ftit kont nafu, nitkellmu għal finijiet ta' xogħol, forsi għax ma kienx tal-istess fehma bħali fi twemminu. Ma kontx inkun irrid nidħol f'argumenti u battibekki. Sa jumejn qabel kont għadni ma xtrajtlu xejn. Iżda jien u sejjer lejn id-dar biddilt fehmti. Forsi dan kien il-mument li nferraħ lil xi ħadd b'rigal mhux mistenni. Kont bejn ħaltejn. Is-soltu kont nara fwejjaħ, flokkijiet, maggijiet, imsielet, ċikkulatini, xorb, xalel, arloġġi. Jien għażilt li nkun differenti….

Il-festin tal-Milied kien onlajn dis-sena. Differenti għal kollox minn tas-soltu. Kulħadd minn daru, lebsin tema tal-Milied biex nidħlu fl-atmosfera. Ir-rigali konna ħadnihom id-dar. Kulħadd kien mehdi aljenat jiftaħ u jitkellem fuq x' qala'. Jien kelli fwieħa sportiva. Iżda moħħi aktar kien f' Justin. Il-ħalq imċarrat li kellu bil-grokk wieħed jew tnejn

*Ikompli f'paġna 10*

*minn paġna 9*

f'rasu meta neħħa l-karta tat-tgeżwir in-bidel għal kollox kif f'idu deher presepju artistiku magħmul mil-lava. Bħal daħal f'qoxortu. Stennejtu ħa jiġbed waħda minn tiegħu.
Fl-isfond bdejt nisma' min anke pprova jgħaddih biż-żufjett u qallu forsi tibda temmen. Dak il-ħin ħassejt li pjani kien falla. Bdejt nisħet is-siegħa u l-mument li għażilt dak ir-rigal. Daqshekk dħalt f'Secret Santas oħra.
Komplejna nitkellmu. F'ħin minnhom fil-ġenb tal-iskrin nara lil Justin jittajpja. Ried ikellimni. Tfejt il-kameras l-oħra. Qalbi ħebbritni. Kien induna. Konna ftit. Ma stajtx naħarbu. Ħassejt il-piż jeħfief... kont inkwetajt għalxejn.
"Xogħlok dan hux?.. nixtieq ngħidlek grazzi tar-rigal. Ma stennejtux. Veru sorpriża. Qrastni fil-laħam il-ħaj. Taf li ili minn żmien il-Mużew ma nħares lejn presepji f'ħajti?" "Qed nieħu gost li għoġbok u li għaraft li ma kienx ri-gal biex jiġbidlek saqajk. Il-kummenti tal-kollegi bdew idarrsuni. Kont qed nhewden x' għamilt b'idejja, min jaf x' ħa jgħidli kif isir jaf!"
"Għandi bżonn nagħmel eżami tal-kuxjenza waħda sew. Kultant inħossu 'l bogħod wisq lil Alla, anke kliemi, x'ħin nitlifha, u dal-Bambin fil-grotta fakkarni fil-faqar li hawn madwarna u jien qatt ma' jien kuntent b'xejn, prosit Ġan."
Ħallejtu b'hekk. Il-presepju kien kebbisli mill-ġdid dik it-tbissima li kont tlift dis-sena. Kien irnexxieli nagħmel differenza f'ħajjet xi ħadd. U għal darb' oħra reġa' kien differenti daż-żmien mod ieħor.

# IL-MIŻATA ...



Bħal ma semmejna fiċ-ċirkolari tal-Laqgħa Ġenerali Annwali, il-pandemija tal-Covid 19 mhux biss im-pedietna milli kultant niltaqgħu u naqsmu ideat u aħbarijiet fuq il-presepju, imma tellfitna wkoll il-Wirja ta' Presepji. Bid-don-azzjonijiet tal-pubbliku li jżur il-Wirja konna nilqgħu għall-ispejjeż li jkunu ġejjin matul is-sena ta' wara. Kienet ukoll okkażjoni biex il-membri jiġu jaraw il-presepji magħmulin minn sħabhom u kif ikunu hemm iġeddu s-sħubija tagħhom. Minn hawn kien jiġi d-dħul finanzjarju tal-Għaqda!
Din is-sena dan id-dħul ma wasalx; anke jekk kien hemm numru sabiħ ta' membri li ġeddu s-sħubija tagħhom u bagħtu l-miżata bil-posta. Lil dawn ngħidulhom grazzi mill-qalb.
LILEK, li forsi għadek ma ħallastx il-miżata għas-sena kurrenti, inħeġġuk biex tibgħat il-ħlas dovut bil-posta. Veru li l-ammont ta' €5 huwa żgħir, imma kif jgħid il-Malti: Kull laqxa tirfed l-imramma u bil-qatra mingħand kull membru jirnexxilna anke nimlew il-ġarra. **L-Għaqda qed tistenna s-sehem TIEGĦEK!** Ibgħat il-ħlas tal-miżata bil-posta. Żgur li jkun apprezzat! **Grazzi.**

# Kurżitajiet ...

## Meħuda minn hawn u minn hemm!



### 1 - Secret Santa

F'St. Louis fl-Istati Uniti kien hemm Father Christmas sigriet li kull sena f'Diċembru kien iqassam il-karti tal-$100 imkebbin f'karta bil-kliem Secret Santa fuqha. L-isem propju ta' dan is-Santa kien Larry Stewart, raġel sinjur minn Kansas City, li kien idur it-triqat tal-belt jagħti l-flus lil min ikun jidher fil-bżonn. Sakemm miet bil-kanċer f'Jannar tas-sena 2007, Stewart jingħad li f'26 sena ta' anonimità kien qassam madwar $1.3 miljun. Hu kien għamel fortuna fin-negozju tal-cable tv u t-telefon. Dan li beda Stewart illum qed ikomplih Santa ieħor li huwa sigriet. Jingħad li dan is-Santa l-ġdid kien iltaqà ma' Stewart u ħaliflu li kien ser jkompli jagħmel il-karità kif kien jagħmel hu.
Ma' dan ir-raġel, li x'aktarx li hu industrijalist, żdied ieħor li wkoll qed iqassam il-flus. Huma jgħidu li minbarra li jagħtu l-flus u jferrħu lil min hu mgħattan, huma riedu jwasslu l-messaġġ li kulħadd ħaqqu jingħata l-għajnuna meta tassew ikun bżonnha.
Minn St. Louis huma għandhom il-ħsieb li jmorru ukoll f'Charlotte, N.C., Phoenix, Kansas City u f'Detroit.



### 2 - Il-Qattus li giref lil Father Christmas

Father Christmas ħaseb li kien se jkollu jittaqqab kontra xi infezzjoni wara li girfu qattus. Imma irriżulta li ma kienx il-każ għax l-annimal kien vaċċinat.
Jonathan Babbington, ta' 47 sena, kien libes ta' Father Christmas biex jgħin f'avveniment ta' karita' fi New Jersey, Stati Uniti. F'ħin minnhom, Benny, qattus imħallat bejn wieħed domestiku u ieħor selvaġġ, li inzerta kien viċin, tar għal fuqu u girfu waħda sew, tant li ħariġlu d-demm. Babbington beża minn xi avvelenament, imma sidt il-qattus, Christine Haughey, urietu ċ-ċertifikati tal-vaċċinazzjoni ta'

*Ikompli f'paġna 12*

*Minn paġna 11*

Benny u serrħitlu moħħu. Minkejja dan hi qabdet il-qattus u telqet mill-post. Babbington qal li vicin fejn kien hu kien hemm xi ħadd li kien qed jieħu r-ritratti lil xi klieb. Wisq probabbli li kif rahom, Benny twerwer u tar għal fuq min kien l-aktar viċin – Father Christmas.

**3 - Presepju f'inventarju ta' Testment.**




Fil-Historical Research Sharing Activity maħluqa mis-Sur Vince Peresso jingħad li....Fl-atti tan-Nutar Giuseppe Bonavita (ms.579/42 tal-11/6/1808), wieħed isib inventarju li jifforma parti mit-testment tal-mejta Giovanna Gatt, armla tal-avukat Felice Ferrati.
Fost l-affarijiet li ħalliet lill-werrieta kien hemm imniżżel li kellha presepju żgħir f'kaxxa tal-ħġieġ li kellu bżonn manutenzjoni. Dan kien stmat li jiswa' ħames skudi. Il-kaxxa waħedha kienet stmata żewġ skudi u nofs. L-istima ta' dan il-presepju kienet magħmula minn Francesco Fenech.

Rif:www.facebook.com/permalink.php?story_fbid=2946822025418667&id=1120909401343281

# Kjarifika:

## "San Ġorġ Preca"

**Artiklu fil-ħarġa numru: 104**
**L-Awtur, is-Sur Joseph C. Camilleri BA., DEAM., M.ED (OK & MGT) bagħatilna din il-kjarifika:**

Fl-1920, wara li San Ġorġ kien imur iqarar il-Marsa, kien iħobb iżur il-fergħa tad-duttrina ta' dik il-lokalita'. Waqt żjara, San Ġorġ sab is-superjur, is-soċji u t-tfal jippreparaw għall-festa tal-Milied. Meta ra dak l-entużjażmu kollu, San Ġorġ issuġġerixxa lis-Superjur tal-qasam tal-Marsa biex isibu xbieha ta' Bambin u joħorġu biha mill-qasam tal-Marsa madwar it-toroq tal-madwar. Iddawra li għamlu kienet tinkludi ż-żona fejn hemm illum il-kwartieri tas-Soċjeta' tad-Duttrina.
Peress li ma kellhomx Bambin kienu ddubbaw wieħed mingħand patri Franġiskan ta' Putirjal il-Belt Valletta. Skont komunikazzjoni ta' Patri George Oscar Buttigieg, Franġiskan Konventwali, dan il-Bambin hu xogħol Wistin Camilleri (1885-1979). Dan jixhduh ulied l-istatwarju - Alfred, Pawlu u Michael Camilleri Cauchi, fejn kollha jaqblu li kienu jisimgħu lil missierhom Wistin jgħid diversi drabi... "Dun Ġorġ Preca, l-Bambin tiegħi uża għall-ewwel purċissjoni." Fl-1921 ħarġet l-ewwel dimostrazzjoni uffiċjali mill-qasam tad-duttrina tal-Ħamrun, li kien kważi bieb ma' bieb mal-Knisja tal-Madonna tas-Samra (illum Santwarju). Il-Bambin li kien intuża għal din l-ewwel dimostrazzjoni uffiċjali kien dak li nsibu fil-Knisja tas-Samra. Dan xehduh l-anzjani.
Xi wħud minn dawn l-anzjani taw ix-xhieda tagħhom bil-miktub. Dawn il-kitbiet jinsabu merfugħa bl-ikbar għożża f'din il-knisja.

# Is-Seħer tal-Milied ...

**Kav Joe. M. Attard**

Għal darb'oħra qiegħed nikteb
f'dal-Milied xi ftit tal-vrus
għax dil-ġrajja ssaħħarni-
mill-qalb ħierġa dawn il-ħsus!

It-twelid tal-Bambin ċkejken
'il fuq minn elfejn sen'ilu
għadu l-qofol tal-istorja-
Il-ġnus qima jagħtu lilu.

F'lejl kiesaħ, għeri u xitwi
ried jitwieled dal-Bambin,
sabiex jifdi d-dinja kollha,
maħfra jagħti 'l-midinbin

Biex ġie fostna xejn ma għażel
xi palazz jew xi dar kbira,
iżda stalla bi ftit tiben,
grotta mħarbta, żgħira u fqira.

Biex ma jmutx mill-bard u l-kesħa
kellu biss baqra u ħmara
illi saħħnuh bin-nifs tagħhom-
o x'kellha d-dinja tara!

Bil-mod l-għar beda jimtela'
bir-ragħajja u n-nagħġiet
illi ġrew 'l hawnhekk bi ħġarhom
f'dik il-ħemda, f'dak is-skiet.

F'ħin qasir id-dlam iċċarrat
b'kant tal-anġli ferħanin
illi dawlu s-sema kollu
biex isellmu lill-Bambin.

Qalb Marija u Ġużeppi
imtlew b'ferħ ma jitfissirx
li nħass mal-irkejjen kollha
għalkemm forsi ma jidhirx!

O kemm kienet ixxurtjata
din il-belt ċkejkna ta' Betlem
fejn tal-ġnus ir-Re dlonk twieled-
kulħadd lilu mar isellem!

Slaten għonja mill-bogħod terrqu
għax riedu jiltaqgħu miegħu,
għaliex fehemu li dal-bniedem
joqogħdu għall-Kelma tiegħu!

Ħalli niġu issa għalina!
Kif qed nilqgħu l-Milied?
Qegħdin nifhmu din il-ġrajja
kemm għalina din xi swiet?

Kif qegħdin inħejju ruħna
sabiex nilqgħu lill-Bambin?
Qegħdin nibnu l-presepju
bil-pasturi hekk ħelwin?

Qed immorru għan-novena
u nimxu wara l-Bambin,
inkantaw il-*Christmas carols*
mat-tfal tal-Mużew ċkejknin?

Jew inkella lkoll medhija
wara x-xiri tar-rigali,
u fil-ġenb qegħdin inwarrbu
dat-twelid qaddis, speċjali?

Dal-Milied, o Bambin ċkejken,
ejja twieled fil-qalb tagħna;
saltan, għammar ġewwa djarna
u qatt la tabbandunana!



# Il-Bolli tal-Milied f'Malta

SENSIELA TA' NFORMAZZJONIJONI MIĠBURA MINN DANIEL CIOFFI

Ir-riċerka dwar meta u fejn intużaw l-ewwel bolli postali bit-tema tal-Milied ma tantx twasslek għal konklużjoni definittiva. Dan għaliex huma diversi l-pajjiżi madwar id-dinja li jsostnu li kienu huma li bdew din it-tradizzjoni jew użanza. F'dawn il-paġni m'aħniex ser inħollu din il-kobba mħabbla; l-għan tagħna hu li noħolqu kompendju dwar il-bolli tal-Milied f'Malta u min iddisinjahom. Iktar minn hekk ser naraw kif id-disinjaturi Maltin wasslu l-idea tal-presepju anke barra minn xtutna.

Jingħad li l-ewwel bolli tal-Milied waslu Malta fl-1957 mill-Awstralja flimkien mal-awguri ta' emigranti Maltin lil qrabathom. Ħames snin wara, tfaċċaw oħrajn mill-Amerika. Bejniethom, fl-1959, inħarġet l-ewwel bolla tal-Milied mill-Vatikan. Fl-istess żminijiet f'Malta kien għaddej il-proċess biex fl-1964, meta Malta ħadet l-Indipendenza, ikun ippubblikat l-ewwel sett ta' bolol tal-Milied Maltin.

Il-Kav. Emvin Cremona, li diġa kien ilu jiddisinja l-bolol Maltin sa mill-1957, ingħata l-inkarigu biex jieħu f'idejh ukoll id-disinn għal bolli tal-Milied. Dan l-inkarigu baqa' jġorru sal-1979.

## MIN KIEN IL-KAVALIER EMVIN CREMONA?

Emvin Cremona twieled fil-Belt Valletta fis-27 ta' Mejju, 1919. Sakemm kellu 17 il-sena ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola Umberto I. Żjara li kellu f'Ruma fl-1933 ħalliet impressjoni artistika kbira fuqu li wasslitu biex jidħol l-Iskola tal-Arti. Hawnhekk kien fl-istess klassi ma' Willie Apap, Anton Inglott, Esprit Barthet u Victor Diacono u flimkien magħhom studja l-arti taħt is-surmastrijiet Edward Caruana Dingli u Karmenu Mangion. Bejn l-1938 u l-1940 studja fir-Regia Accademia di Belle Arti taħt l-artist Carlo Silviero. Hawnhekk reġà ltaqa' ma' Anton Inglott u bejniethom nibtet stima kbira. It-tnejn flimkien irritornaw Malta ftit ġranet qabel l-Italja daħlet fil-gwerra, fl-1940.

Fis-snin ta' wara l-gwerra huwa kompla jistudja l-arti fi Slade School of Fine Art f'Londra u fl-Ecole Superieur de Beaux Art f'Pariġi.

Emvin Cremona m'għandu bżonn ebda introduzzjoni fejn tidħol l-arti lokali fis-snin ħamsin, sittin u sebgħin. Hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa artisti Maltin li ħalla impatt kbir fuq l-istorja tal-Arti f'Malta. Ix-xogħlijiet artistiċi tiegħu jinsabu f'diversi knejjes imxerrdin ma' Malta u Għawdex kif ukoll fil-Kwartieri Ġenerali tal-W.H.O. f'Geneva u dawk tan-N.U. fi New York.

Għal kważi 25 sena, Emvin Cremona naqqax uħud mill-avvenimenti l-iktar importanti fl-istorja ta' pajjiżna fuq il-bolol Maltin. Fost dawn ma nistgħux ma nsemmux sittax-il sett ta' bolli tal-Milied Maltin bejn l-1964 u l-1979.

F’dawn il-paġni tan-nofs fil-fuljett tagħna se nibdew nippubblikaw il-bolli tal-Milied li nħarġu f’Malta mill-1964 sal-lum. F’kull ħarġa tal-fuljett ser ikollna mhux anqas minn erba’ faċċati dedikati għal dan il-proġett żgħir imma interessanti. Miġburin flimkien, dawn il-paġni ser joffru ġabra ta’ informazzjoni u ritratti dwar bolli li poġġew it-tradizzjoni tal-Milied Malti fl-istorja filatelika madwar id-dinja. Il-paġni jistgħu faċilment jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw ktejjeb.

***N.B. Għal diversi snin il-bolli tal-Milied kellhom żewġ prezzijiet fuqhom – dak li kien il-valur uffiċċjali tal-bolla u prezz ieħor ħafna iżgħar li d-dħul minnu kien jingħata għal skopijiet filantropiċi. Dan kien ġest maħruġ għal żmien il-Milied biss.***



*Sett Nru 1 - 1964*

**Sett Nru.1 - 1964**

Maħruġ fit-3 ta’ Novembru, 1964.
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Photogravure
Disinn: In-Nativita’ imqiegħda fi stalla tal-injam, ripetut fuq tliet bolol ta’ valur differenti. Kulur qawwi li jvarja minn bolla għall-oħra jiddistingwi l-valur tal-bolli.



*Sett Nru 2 - 1965*

**Sett Nru. 2 - 1965**

Maħruġ fis-7 ta’ Ottubru, 1965.
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Photogravure
Disinn: Is-Slaten Maġi Adoraturi ripetut fuq tliet bolol ta’ valur differenti. Il-kulur wara l-Maġi wieqfa jvarja minn bolla għall-oħra u jiddistingwi l-valur tal-bolli.

**Sett Nru. 3 - 1966**

Maħruġ fis-7 ta' Ottubru, 1966.
Disinjatur: Chev Emvin Cremona Stampar: Sistema Photogravure
Disinn: Is-Sagra Familja - ripetut fuq tliet bolol ta' valur differenti. Il-kulur fuq il-mantell tal-Madonna jvarja minn bolla għall-oħra u jiddistingwi l-valur tal-bolli.



Sett Nru 3 - 1966



Sett Nru 4 - 1967

**Sett Nru. 4 - 1967**

Maħruġ fl-20 ta' Ottubru, 1967
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Photogravure
Disinn fuq stil trittiku: Poġġuti waħda ma' oħra, il-bolli f'dan is-sett jiffurmaw stampa waħda maqsuma fi tliet partijiet f'forma ta' trapezju.



Sett Nru. 5 - 1968

**Sett Nru:5 - 1968**

Maħruġ fit-3 ta' Ottubru, 1968
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Photogravure
Disinn: Xena differenti fuq kull bolla. Fuq ix-xellug jidher l-Anġlu jħabbar lir-ragħajja, fin-nofs is-Sagra Familja u ragħaj u fuq il-lemin is-Slaten Maġi.



Sett Nru 6 - 1969

**Sett Nru. 6 - 1969**

Maħruġ fit-8 ta' Novembru, 1969
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Delacryl
Disinn: Forma ta' trittiku li juri l-Imdina bil-kattidral fl-isfond u fuq quddiem id-daqqaqa folkloristiċi, anġli u kor tat-tfal. Il-kewba li nsibuha fil-bolol kollha ta' Cremona tidher prominenti ħafna f'dan is-sett.

**Sett Nru.7 - 1970**

Maħruġ fis-7 ta' Novembru 1970
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Photogravure
Disinn: L-ewwel bolla f'dan is-sett turi l-purċissjoni bil-Bambin, fit-tieni waħda naraw il-presepju u fit-tielet bolla grupp ta' *carol singers*. Huma differenti anki fl-isfond tagħhom li juri tliet knejjes differenti kif ukoll anġli differenti. Il-kewba hija l-parti tad-disinn komuni fit-tliet bolol.



Sett Nru 7 - 1970



Sett Nru 8 - 1971

**Sett Nru. 8 - 1971**

Maħruġ fit-8 ta' Novembru, 1971
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Lithography
Disinn: Kull bolla f'dan is-sett turi xena differenti.

Fl-ewwel waħda naraw anglu jħares 'l isfel u fit-tieni bolla jidhru l-Madonna u l-Bambin mimduda.
Fit-tielet bolla naraw lil San Ġużepp b'rasu baxxuta maħkum min-nagħas.



Sett Nru 9 - 1972

## Sett Nru. 9 - 1972

Maħruġ fid-9 ta' Diċembru, 1972
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Lithography
Disinn: Għalkemm is-suġġett espress f'dan is-sett huwa l-anġli, kull bolla turina anġlu f'azzjoni differenti. Fl-ewwel bolla naraw l-Anġlu Ħabbar, fit-tieni anġlu bit-tamborlin u t-tielet bolla tirrapreżenta l-kant tal-anġli.

---

## Sett Nru 10 - 1973

Maħrug fl-10 ta' Novembru, 1973
Disinjatur: Chev. Emvin Cremona Stampar: Sistema Lithography Disinn:
Disinn ivarja totalment bejn bolla u oħra. Ir-riferenza għall- Milied hija waħda ċara.
Fl-ewwel bolla naraw tliet angli bis-sfafar ta' orgni fl-isfond. Il-Madonna tħares fuq binha fit-tieni filwaqt li t-tielet bolla toffrilna biċċiet ta' bini iddominat mill-kewba.



Sett Nru 10 - 1973

---



Sett Nru 11 - 1974

## Sett Mru 11 - 1974

Maħruġ fit-22 ta' Novembru 1974
Disinjatur: Chev Emvin Cremona
Stampar: Sistema Lithography
Disinn: Il-kewba, għalkemm b'forma differenti, tiddistingwi ruħha bil-qies tagħha f'kull bolla. Fil-kantunieri in-naħa tal-lemin jidhru xi rgħajja u s-Slaten Maġi.
Fit-tieni u t-tielet bolla il-personaġġi jidhru jġorru xi rigali.



# Covid19 joħloq tbissima...

Fl-eqqel tal-pandemija ippruvajt kemm -il darba norganizza ftit is-sensi u nibda naħdem presepju. Ma kienx faċli, il-coronavirus bilkemm ħallieli aptit inħawwad ftit kolla mal-ilma. Mill-banda l-oħra, malli kont nieqaf, nieqes mill-ħeġġa li nkompli, moħħi kien jibda jhewden ... imma kif, fejn, għaliex? Ġurnata fost l-oħrajn kont mitluf inħares ċass lejn vetrina mimlija pasturi meta l-ħoss tal-mobajl ħasadni. B'mod robotiku xegħeltu u sibt li kelli sms mingħand ħabib tiegħi, bħali dilettant sew tal-presepju. Il-messaġġ kien ftit twil, imma sa ċertu punt, għoġobni u żammejtu. Illum iddeċidejt li naqsmu magħkom. Kien jgħid hekk:

*"Kif int sieħbi? Smajtha tal-aħħar? Il-Ministeru tas-Saħħa ftakar fina u ħarġilna r-regolamenti. Aqrahom ftit u ara x'taħseb!"*



**Protokoll għal min jarma l-presepji!**

1. Fil-grotta tan-Nativita' ma jistax ikun hemm iktar minn erba' persunaġġi.
2. L-ilbies tal-maskla u l-osservanza tad-distanza soċjali huma obligatorji għal kull persunaġġ fil-presepju.
3. San Ġużepp, il-Madonna u l-Bambin jiffurmaw *family bubble* u jistgħu joqgħodu viċin xulxin.
4. Ma' widnejn il-ħmara u l-għoġol jrid jitwaħħal ċertifikat ta' vaċċinazzjoni kontra l-Covid 19 mid-Dipartiment tal-Agrikultura.
5. Is-Slaten Maġi iridu jagħmlu 15 -il ġurnata kwarantina, anke jekk ma jkollhomx il-vajrus, għax mhux ġejjin miż-żona Schengen.
6. It-tiben, weraq tal-palm u kull ħaxix ieħor irid ikun tbexx bl-alkoħol.
7. L-Anġlu Ħabbâr mhux ser ikollu permess biex jinżel għax billi ġej minn barra d-dinja jista' jniġġes lir-ragħajja jew lil merħliet tagħhom.
8. Il-kor tal-anġli ma jistax jieħu sehem sakemm ma jkunx kompost minn massimu ta' sitt anġli li jkunu imbiegħdin imqar żewġ metri minn xulxin.
9. Kull persunaġġ ta' 'l fuq minn 65 sena hu meqjus bħala vulnerabbli u għalhekk ma jistax jersaq lejn il-grotta.
10. L-ebda barrani ma jkun permess jidħol f'Betlem mingħajr ċertifikat ta' vaċċinazzjoni.
11. Pilatu se joħroġ digriet dwar kif wieħed għandu jaħsel idejh u jilbes il-maskla.
12. Jekk minħabba xi abbużi is-sitwazzjoni terġa tmur għall-agħar l-unika soluzzjoni tkun *lockdown* fuq il-presepju kollu.

Dan il-messaġġ silitli tbissima u kebbisli l-ħeġġa biex bnejt il-presepju għal din is-sena. Nawgura li fil-ftit xhur li fadal sa' Diċembru, lilkom ukoll inisslilkom tbissima li tħeġġiġkom tippreparaw il-presepju tagħkom għal-Milied 2021.

# L-Istoriċità ta' Betlehem bħala post fejn twieled Ġesù

TAGĦRIF MIĠBUR MINN ALFRED MONREAL

**Mill-fuljett "Xandar il-Kelma" – Diċembru 2017**



Wara l-Evanġelji, l-aktar xhieda antika dwar il-post tat-twelid ta' Ġesù hi dik ta' Ġustinu, isqof u martri - lejn it-tieni parti tat-tieni seklu. Oriġinarjament hu kien minn Flavia Neapoli (illum Nablus) tal-Palestina. Ġustinu jikteb: "fil-mument tat-twelid tat-tarbija f'Betlehem, minħabba li ma nstabx post fejn joqgħodu fir-raħal, Ġużeppi waqaf ħdejn grotta viċin iż-żona abitata, u kif kienu jinsabu hemm Marija welldet lil Ġesù, qegħditu f'maxtura fejn ukoll il-Maġi li ġew mill Għarabija sabuh". Il-grotta msemmija bħala l-post tal-abitazzjoni hi magħrufa mit-tradizzjonijiet ħajjin tal-lokal, xhieda ta' dan, il-Vanġelu Apokrifu ta' San Ġakbu (III seklu). Dan kollu hu l-bażi ta' l-istorja suċċessiva ta' Betlem.

*Ikompli f'paġna 21*

Din l-istess grotta ġiet imdawra mill-Imperatur Kostantinu, kif ukoll minn ommu Santa Elena b'bini mill-isbaħ sa mhux aktar tard mis-sena 325 W.K. Dan jistqarru l-istoriku Ewsebju ta' Ċesarija, kontemporanju tal-fatti miktuba. Fis-sena 386, San Ġlormu stabilixxa ruħu biswit il-bażilika, flimkien man-nobbli Rumana Paola u dixxipli oħrajn. Kienu jgħixu ħajja monastika, iddedikati għall-istudju tal-Bibbja u fil-ħolqien tal-famuża verżjoni Latina tal-iskrittura (il-Vulgata), li mbagħad saret il-Bibbja Uffiċjali fil-Knisja tal-Punent. Il-Bażilika tar-raba' seklu ġiet mibdula mill-Imperatur Ġustinjanu fis-sitt seklu għal waħda ta' dimensjoni akbar, li hi dik li nsibu llum. Fil-perjodu tal-Kruċjati (12-il seklu), il-ħitan ġew imżejna b'mużajk prezzjuż miksi bid-deheb u bil-madreperla. Sal-lum wieħed jista' jara frammenti sħaħ bix-xeni tal-Ġdid Testment (fit-transett b'iskrizzjonijiet Latini) u rappreżentazzjonijiet simboliċi tal-konċilji ekumeniċi fin-navati, b'iskrizzjonijiet Griegi). Fuq il-kolonni tan-navi, insibu sensiela ta' medaljuni li juru l-antenati ta' Ġesù (bil-lingwa Latina). L-iskavi li saru fis-snin 1934-35, mill-gvern mandatorju Ingliz ġabu fid-dawl diversi fdalijiet tal-paviment mużajkat tal-Bażilika Kostantinjana. Ħafna minnu jidher fin-navata, kif ukoll (kappellun tax-xellug) fit-transett tal-Bażilika. Il-Franġiskani, li ilhom jgħammru f'Betlehem mill-1347, maġenb il-Bażilika tan-Nativita', għandhom il-kunvent u l-knisja ddedikati lill-martri qaddisa Santa Katerina. Il-knisja ilha teżisti sa' mis-seklu 12, u ġiet imkabbra gradwalment. Prinċipalment isservi għall-bżonnijiet tal-komunità kattolika tar-rit Latin, u minnha wieħed jista' jinżel għall-grotta ta' San Ġilormu.



# Esperjenza ta' Presepji Maltin f'Washington DC

MINN ALEX POWELL



Raymond Deguara, Alex Powell u Keith Galea waqt il-Wirja f'Washington

Kull esperjenza li jkolli mal-presepju hija esperjenza interessanti u ta' mħabba. Meta dan iwasslek li saħansitra tirrappreżenta lil Malta, allura l-esperjenza ssir ukoll unika. Meta fis-sajf li għadda bdew jidhru l-avviżi mid-Dipartiment tal-Kultura, Arti u Gvern Lokali li se jsir konkors biex jintagħżlu 10 presepji biex ikunu esebiti fil-Museum of the Bible f'Washington DC, interessajt ruħi.

Min-naħa tal-għaqda tagħna ħadna ħsieb li ngħarrfu lill-membri tagħna b'din l-opportunita'. Meta bdejt nara l-qisien mitluba bdejt naqta' xi ftit qalbi, anke għax dan il-presepju ried prattikament jinħadem f'anqas minn xahrejn. Kien ħabib tiegħi li x'ħin sema' d-dubji tiegħi ħeġġiġni u għamilli kuraġġ u bis-saħħa tiegħu dħalt għal din il-biċċa xogħol.

Kelli wkoll bżonn sett pasturi malajr, u sibt l-għajnuna tal-ħabib tiegħi Lorenz Baldacchino li għamel il-miraklu li fi żmien xahar lestieli sett pasturi.

Il-ħidma fuq il-presepju kienet bla nifs,

*Ikompli f'paġna 23*

ħafna drabi bil-lejl sal-erbgħa ta' fil-għodu.
Fil-15 ta' Settembru kien armat fi Spazju Kreattiv, il-Belt Valletta, u kien wieħed mill-magħżulin flimkien ma' presepji ta' ħbieb tiegħi, fosthom il-membru tal-kumitat Raymond Deguara u oħrajn li ltqajt magħhom l-ewwel darba. Għalaqna kollox f'kaxxi mdaqqsa, tgħabba kollox flimkien ma' kaxxi bl-għodod neċessarji u l-presepji bdew il-vjaġġ lejn l-Istati Uniti. Aħna tlaqna f'Novembru, imma mhux mingħajr taqtigħ il-qalb, meta tikkonsidra l-pandemija u speċjalment kif kienet qed tiżviluppa fl-Istati Uniti. Id-diriġenti tal-Museum of the Bible, mużew enormi, modern, interattiv u fuq kollox interessanti, kienu qed jistennewna bil-ħerqa u laqgħuna ħafna. Sibna kull għajnuna fl-armar tal-presepji tagħna. Ħaġa mpressjonanti, kull bżonn li jkollok jinqeda fi ftit ħin u bl-aktar mod effiċjenti. Sirna nafu li mpressjonaw ruħhom meta osservawna ngħinu lil xulxin minkejja l-fatt li kien hemm konkors biex presepju wieħed jibqa' esebit b'mod permanenti Eżempju tajjeb.

Il-wirja kienet inawgurata mid-diriġenti tal-mużew flimkien mal-ET l-Ambaxxatur Malti għall-Istati Uniti is-Sur Keith Azzopardi. Tbierket mis-saċerdot Għawdxi Dun Manwel Magro li jgħix l-Istati Uniti. Minkejja li l-attendenza kienet ristretta minħabba l-pandemija, kellna ċ-ċans li niltaqgħu u nfissru l-presepji tagħna.
Minkejja li l-Amerikani mhumiex intiżi fuq il-presepju, saħansitra l-kelma *crib* ma jabbinawhiex ma' presepju, imma artistikament ifittxu d-dettall. U hawn jidher li morna tajjeb ħafna. Fuq kollox it-tifsira tal-messaġġ li wassalna bil-presepji tagħna niżel tajjeb ħafna.
Inżilna lejn Malta fejn kien hemm kwarantina ta' ġimgħatejn tistenniena. Bl-għajnuna tal-Bambin, kollox għadda b'wiċċ il-ġid.

Ħallejna l-presepji warajna għall-wiri. Il-presepju li qajla jidher f'dak il-post, wassalnih, u miegħu lil pajjiżna.



Presepju ta' Raymond Deguara

# ADMIRABILE SIGNUM

*L-ewwel parti*

MAQLUBA GĦALL-MALTI MINN FRANCESCO PIO ATTARD

**ITTRA APPOSTOLIKA TAL-QDUSIJA TIEGĦU L-PAPA FRANĠISKU FUQ IT-TIFSIRA U L-VALUR TAL-PRESEPJU** - ***Ħajr Segretarjat għal-Lajċi.***



1. Is-sinjal tal-għaġeb tal-presepju, hekk għażiż għall-poplu Nisrani, iqanqal dejjem sens ta' seħer u għoġba. Meta nuru f'rappreżentazzjoni t-twelid ta' Ġesù nkunu qed inħabbru b'sempliċità u ferħ il-Misteru tal-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla. Fil-fatt, il-presepju huwa bħal Vanġelu ħaj, ħiereġ mill-paġni tal-Iskrittura Mqaddsa. Aħna u nikkontemplaw ix-xena tal-Milied, mistednin nibdew mixja spiritwali, miġbuda mill-umiltà ta' Dak li sar bniedem biex jiġi jiltaqa' ma' kull bniedem. U niskopru li hu tant iħobbna li jrid jitwaħħad magħna, biex aħna wkoll nistgħu nitwaħħdu miegħu.

B'din l-Ittra nixtieq inħeġġeġ it-tradizzjoni sabiħa tal-familji tagħna li fil-jiem ta' qabel il-Milied iħejju l-presepju. Kif ukoll id-drawwa li jarmawh fuq il-postijiet tax-xogħol, fl-iskejjel, fl-isptarijiet, fil-ħabsijiet, fil-pjazez... Huwa tabilħaqq taħriġ ta' fantasija kreattiva, li jinqeda bl-akbar firxa ta' materjali biex jagħti l-ħajja lil kapulavuri ċkejkna ta' ġmiel. Nitgħallmuh minn meta nkunu tfal: meta l-missier u l-omm, flimkien man-nanniet, jgħaddulna din id-drawwa ferrieħa, li tiġbor fiha spiritwalità popolari mill-aktar għanja. Nawgura li din il-prattika qatt ma tonqos; anzi, nittama li, hemm fejn ma baqgħetx tinżamm, jerġgħu jiskopruha u jagħtuha l-ħajja.

2. L-għeruq tal-presepju nsibuhom qabel xejn f'xi dettalji tal-Vanġelu tat-twelid ta' Ġesù f'Betlehem. L-Evanġelista Luqa sempliċiment jgħid li Marija "wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda" (2:7). Ġesù jitqiegħed f'maxtura, li bil-Latin hi *praesepium*, li minnha ġejja l-kelma presepju.

Meta daħal f'din id-dinja, il-post li sab l-Iben ta' Alla kien fejn il-bhejjem imorru jieklu. It-tiben isir l-ewwel sodda għal Dak li kellu jurina li hu "l-ħobż li niżel mis-sema" (Ġw 6:41).

*Ikompli f'paġna 25*

Simboloġija li diġà Santu Wistin, flimkien mal-Missirijiet l-oħra, kien inqeda biha meta kiteb: "Mimdud ġo maxtura, sar għalina ikel" (Serm. 189,4). Fir-realtà, il-presepju fih diversi misteri tal-ħajja ta' Ġesù u jqarribhom lejn il-ħajja tagħna ta' kuljum.

Imma niġu minnufih għall-bidu tal-presepju kif nifhmuh aħna. Ejjew bil-ħsieb tagħna mmorru Greccio, fil-Wied ta' Rieti, fejn San Franġisk waqaf aktarx fi triqtu minn Ruma, fejn fid-29 ta' Novembru 1223 kien irċieva mingħand il-Papa Onorju III il-konferma tar-Regola tiegħu. Wara l-vjaġġ tiegħu fl-Art Imqaddsa, dawk l-għerien kienu jfakkruh b'mod partikulari fil-pajsaġġ ta' Betlehem. U huwa possibbli li l-Fqajjar ta' Assisi, meta kien Ruma, fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, baqa' milqut mill-mużajċi bir-rappreżentazzjoni tat-twelid ta' Ġesù, proprju hemm fil-post fejn, skont tradizzjoni antika, kienu miżmuma l-għudiet tal-maxtura. Il-Fonti Franġiskani jirrakkontaw fid-dettall dak li seħħ fi Greccio. Ħmistax-il jum qabel il-Milied, Franġisku sejjaħ lil wieħed raġel mill-post, jismu Giovanni, u talbu jgħinu biex iwettaq xewqa li kellu:

"Jiena rrid infakkar b'mod ħaj it-tfajjel li twieled f'Betlehem, u li b'xi mod nara b'għajnejja l-ħtiġijiet u n-nuqqas ta' kumdità li sab ruħu fihom meta ġie mqiegħed fil-maxtura u kif kien mimdud fuq it-tiben bejn il-baqra u l-ħmara". Malli semgħu jgħid dan, il-ħabib fidil tiegħu dlonk mar iħejji fuq il-post magħżul dak kollu li kien meħtieġ, skont ix-xewqa tal-qaddis. Fil-25 ta' Diċembru waslu Greccio ħafna patrijiet minn bosta nħawi u waslu wkoll irġiel u nisa mid-djar tal-kampanja tal-qrib, li ġabu magħhom ward u msiebaħ biex idawlu dak il-lejl qaddis. Meta wasal Franġisku, sab il-maxtura bit-tiben fiha, il-baqra u l-ħmar. In-nies li marret tħaffef hemm inħakmet minn ferħ liema bħalu, li qatt ma kienet daqet qabel, quddiem dik ix-xena tal-Milied. Imbagħad is-saċerdot iċċelebra solennement l-Ewkaristija fuq il-maxtura, u hekk wera r-rabta bejn l-Inkarnazzjoni tal-Iben ta' Alla u l-Ewkaristija. Dakinhar, fi Greccio, ma kienx hemm pasturi: il-presepju nbena u ntgħoġob minn dawk li kienu preżenti.

U hekk twieldet din it-tradizzjoni tagħna: kulħadd madwar il-grotta u mimlijin bil-ferħ, mingħajr ebda distanza bejn il-ġrajja li qed isseħħ u dawk li issa għandhom sehem fil-misteru.

L-ewwel bijografu ta' San Franġisk, Tumas minn Celano, ifakkar kif f'dak il-lejl, max-xena sempliċi u li tmiss il-qalb, żdied ukoll id-don ta' viżjoni tal-għaġeb: wieħed minn dawk preżenti ra mimdud fil-maxtura lil Ġesù Bambin innifsu. Minn dak il-presepju tal-Milied 1223, "kulħadd reġa' lura lejn daru mimli b'ferħ li ma jitfissirx".

**Nota Editorjali:**

It-tieni parti ta' din l-Ittra Appastolika tkun pubblikata fil-ħarġa li jmiss ta' "il-Presepju 106."



# Kif tagħmel Pastur bil-fildiferru ...

## MEĦUD MILL-KTIEB FARE IL-PRESEPIO

Se nibdew xi kultant nagħtu xi ideat ta' kif wieħed jista' jagħmel xi affarijiet bil-materjal li nsibu jiġri ma' saqajna u noħorġu oġġett jew xi pastur bl-inqas spejjeż. Illum se nitkellmu kif wieħed jista' jagħmel pastur. Il-persunaġġi u l-ħlejjaq tal-presepju ġew magħmula b'diversi materjali tul is-snin, bħal ġebel, irħam, injam, avorju, kartapesta u landa, fildiferru u materjal ieħor riċiklat.
Kif tibni persunaġġ bil-fildiferru.



**Kif tagħmel il-qafas**

**X'għandek bżonn:**

• Fildiferru miksi bil-plastik, 2mm dijametru (ħxuna). Dan huwa tal-ħabel tal-inxir.
• Biċċa *chipboard* jew *plywood* 8ċm x 8ċm u ħoxna 1.5ċm
1. Aqta' l-fildiferru f'4 biċċiet (ABCD), kull biċċa 35ċm. Fin-nofs ta' biċċa minnhom għamlu ħolqa kif jidher fi stampa 1 (A).
2. Biċċa oħra li se nsemmuha B dawwarha fuq naħa ta' biċċa A minn ġon-nofs għal barra kif jidher fi stampa 2.
3. Agħmel l-istess bħal numru 2 bit-tielet

biċċa fildiferru li se nsemmuha C kif jidher fi stampa 3. Dejjem ibda' minn nofs għal barra.
4. Milli jifdal fin-nofs minn biċċa B u C dawwarhom f'xulxin sabiex b'hekk ikollok il-parti tan-nofs tal-ġisem kif jidher fi stampa 4.
5. Ir-raba' biċċa li nsemmuha D se nużawha biex biha nlestu s-saqajn. Poġġi id-D minn nofs tal-qafas tal-pastur u orbot kemm ma' B u Ċ kif jidher fi stampa 5.
6. Aqta' dak iż-żejjed li jifdal u waħħal il-qafas fuq l-injama li qed tintuża bħala pedestall għall-pastur.

**Kif tagħmel l-idejn?**

**Għandek bżonn:**

• Biċċa ram ta' 0.5ċm dijametru (ħxuna)
• *Napkins* maqtugħa fi strixxi
• Kolla bajda tal-mastrudaxxa

*Ikompli f'paġna 27*




1. Aqta' l-ħajt tar-ram f'ħames biċċiet ta' madwar 5ċm kull waħda. Iksi l-biċċiet qisu san-nofs ta' kull waħda minnhom bl-istrixxi tan-*napkins* u midlukin bil-kolla. Agħmel dan għal diversi drabi sakemm is-swaba' jiġu tal-ħxuna li tixtieq. Ara stampa 1.



2.Iġbor 4 biċċiet kollha flimkien kif turi stampa 2. Bil-ħames biċċa orbot l-erba' biċċiet l-oħra fil-biċċa fejn jispiċċa l-kisi kif turi stampa 3. Segwi sew stampa 3 biex tara kif trid tagħmel is-swaba'. Ara sew kif tagħmel is-saba' l-kbir tal-id.
Kompli iksi l-kumplament sakemm l-id kollha tkun mgħottija. Bit-truf waħħal l-idejn mal-qafas li lestejna qabel u wara agħti iktar kisi bin-napkins u l-kolla sabiex iġġibhom ħaġa waħda u b'hekk għandek l-idejn u d-dirgħajn lesti.
Kif tarma u tlesti l-pastur?

**Għandek bżonn**

- Das (tafal artifiċjali u kummerċjali)
- Garża
- Karti
- Kolla bajda tal-mastrudaxxa
- Drapp li jaqa' u li mhuwiex iebes

1. Bid-das agħmel il-forma tal-wiċċ tal-pastur li jkun proporzjonat mal-kumplament tal-ġisem. Ara stampa 1.
2.B'biċċa das oħra agħmel il-wiċċ billi tuża l-forma li kont lestejt qabel. Ara stampa 2
3. Waħħal ras il-pastur kif jidher fi stampa 3.
4. Wara li tkun waħħalt ir-ras mal-manekin, waħħal l-idejn u s-saqajn bid-das direttament mal-manekin.
5. Biex tħaxxen il-korp tal-manekin uża garża, karti u kolla.
6. Tajjeb li wieħed jiftakar li l-pasturi Naplitani huma magħmula fuq din it-teknika. Pero' id-differenza hija li ras ġeneralment tkun tat-terrakotta polikroma u l-għajnejn tal-kristall imwaħħla fit-toqba tal-għajn.



# L-Influwenza ta' pajjiżi barranin fuq il-Presepju Malti

MIS-SUR JOSEPH MUSCAT

Billi Malta hi qrib daqshekk ta' Sqallija ma jistax jonqos li fil-presepju Malti ma jidħlux influwenzi Sqallin. Nafu kif fil-Kottonera kont issib ħafna baħħara ġejjin u sejrin lejn Sqallija minn żmien il-kavallieri. Kien hemm żmien meta l-ħaddiema Maltin kienu jmorru hemm għax-xogħol privat tagħhom. Nafu wkoll li xi patrijiet Franġiskani kienu jiġu hawn minn Sqallija u kif sorijiet ukoll kienu jitgħallmu s-sengħa tax-xema' biex jaħdmu bambini u pasturi biex jaqilgħu xi ħaġa għall-ħajja. Fi Sqallija kont issib ċeroristi jew dawk li jaħdmu x-xema' mill-aħjar u bosta xogħlijiet tagħhom jinsabu hawn Malta. Ara kemm daħal kliem mit-Taljan jew mill-Isqalli li għandu x'jaqsam malpresepju u dan kont nisimgħu mingħand is-Superjur Schembri. Meta konna nibnu xi presepju kbir fil-Mużew tal-irġiel tar-Rabat li dak iż-żmien kien fil-Kulleġġ, illum il-Mużew Wignacourt, kont tisimgħu joħroġ bi kliem Taljanizzat li għandu x'jaqsam mal-presepju bħallikieku kien Malti perfett. Kien isemmili l-vallata, il-cascata, it-tomba di Rachele, u ċ-ċieco di Gerico.



Fi żmien Herbert Ganado, meta kien tifel bejn wieħed u ieħor fl-1912-1920, kienu jsemmu s-sette dormienti meta jirreferu għar-rieqed. Mhux ta' min iħalli barra l-idea ta' kif xterdet is-sengħa tal-pasturi sew dawk tat-tafal kif ukoll tax-xema' u tal-presepji fost il-membri tal-Mużew. Nistgħu ngħidu li fil-Kottonera minn dejjem kien hemm bosta nies tas-sengħa sew minħabba l-arsenali tal-kavallieri kif ukoll minħabba d-dockyard tal-Ingliżi. Bosta mill-membri tal-Mużew kienu jaħdmu fit-tarzna u mill-Kottonera ħarġu l-ewwel oqsma tal-Mużew. Minn hemm ħarġu l-ewwel ideat kif tagħmel presepju, grotta, jew blata tal-karti għall-Bambin billi tuża l-kolla tal-mastrudaxxa, tad-dqiq jew tuża x-xema'. Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn il-pasturi Maltin tara kif kollha juru xi ħidma Maltija waqt li oħrajn għandhom marbuta magħhom xi tagħlima. Hekk insemmu l-adoratur, ix-xabbatur, l-għaġeb jew l-imgħaġġeb tal-presepju,

*Ikompli f'paġna 29*

il-ħamiema tissimbolizza l-Ispirtu s-Santu u n-nagħġa l-mitlufa li għaliha ġie Ġesù ukoll. Dawn b'xi mod jidhru wkoll fil-presepju Sqalli u hawn Malta kien hawn żmien meta kienet tintuża x-xbieha tal-Missier Etern Alla li tarah fi presepji Sqallin ukoll. Din hi karatteristika oħra speċjali li tidher sew fil-presepju Sqalli. Il-pasturi tradizzjonali Maltin l-iżjed komuni kien l-għannejja li f'xi nħawi ta' Malta jgħidulhom ix-xrik u ma nafx għaliex, taż-żaqq u tat-tanbur, il-furnar, is-sajjied, il-kaċċatur, ir-rieqed, tad-dqiq, tal-ilma, ir-ragħaj bil-frosta f'idu, tal-ħobż, wieħed jagħżaq barra l-oħrajn li diġà semmejna. Bħalma kien hemm pasturi rġiel kien hemm ukoll pasturi nisa jġorru xi ħaġa. Issa ħafna minn dawn issib li jaqblu magħhom dawk li ssib fil-Presepju Sqalli. Għandi f'moħħi li wara l-gwerra diffiċli kont issib is-slaten Maġi u wisq inqas l-iġmla fi presepju tad-djar. Baqra u ħmara kważi dejjem kienu jkunu mal-art u mhux weqfin u n-nagħaġ tax-xema' ngħidilhom jien ta' żewġ saqajn għax sew ta' quddiem kif ukoll ta wara jkunu magħqudin flimkien. Kienu hekk għar-raġuni biex ikunu jistgħu jinqalgħu mill-forma bl-akbar ħeffa. Il-pożizzjonijiet tagħhom kienu limitati biss għal xi tnejn jew tlieta u konna npoġġu minnhom imrieħel sħaħ kollha l-istess. Meta nitkellmu dwar il-pasturi Maltin jiġu f'moħħna mill-ewwel dawk "ta Ġusti", "tas-sold", "tal-barnuża" u forsi xi oħrajn li ħadd ma baqa' jiftakarhom. Iżda qabel dawn kien hemm dawk ta' Darmanin u ftit ilu kellna dawk ta' Cuschieri. Dawn it-tnejn ma kinux għall-qabda ta' kulħadd bħalma kienu dawk "ta' Disma". Billi illum qed jiżdiedu dawk il-presepisti Maltin li jafu jaraw u li ma jikkuntentawx b'kollox qed jiżdiedu wkoll il-pasturari Maltin li qed jaħdmu l-ġmiel ta' pasturi tat-tafal. Meta żmien ilu gergirt mal-mibki ħabib tiegħi l-iskultur Rabti Frans Galea, li l-artisti tagħna kważi ħadd minnhom ma ħadem xi pasturi għall-presepju, iddeċieda u laħaq ħadem xi ftit. Xogħlu jintgħaraf sew minn xogħol ieħor ta' pasturi bla valur artistiku. B'xorti ħażina l-pasturi "tas-sold" tefgħu dell ikrah fuq il-pasturi Maltin. Jekk wieħed iħares sew lejn il-carretto Sqalli ta' xi snin ilu jara xebħ bejn il-pasturi li jkun hemm fuqu u l-pasturi "tas-sold" tagħna. Billi dawn kienu jinħadmu bit-tużżani u jinbiegħu bl-irħis ma kien hemm fihom majjestrija ta' xejn. Miżbugħin ħafna drabi b'kuluri jgħajtu, pasturi bħal dawn konna nixtruhom b'sold sa ftit wara l-gwerra u konna bħala tfal niġġennu biex narmaw bihom il-presepji tagħna. Din ix-xorta ta' pasturi bl-ilbies tradizzjonali Malti, bqajna nsibuhom sal-1960 iżda l-imgħallmin tal-pasturi mill-Birgu, l-Isla u nħawi oħra ma baqgħux jaħdmuhom. Maż-żmien, il-presepju li nsibu f'Malta ġie nfluwenzat minn pajjiżi oħra kemm fl-istil, materjal, pasturi u kostruzzjoni. Anke dawk li jagħmlu l-pasturi ġew influwenzati wkoll minn artiġġjanat barrani.



# Il-Presepju fil-Vanġelu





Mill-erba' Evangelisti tnejn biss isemmu jew jirrakontaw it-twelid tal-Messijja f'Betlehem – San Luqa u San Mattew. Iżda anke dawn jirrakkontaw din l-istorja b'varjazzjoni. Fil-waqt li San Luqa jsemmi t-tħabbira mill-Anglu lir-ragħajja, li telqu b'ħeffa lejn fejn twieled is-Salvatur li semma l-Anglu, San Mattew jirrakkonta kif is-Slaten Magi iltaqgħu ma' Erodi fit-tfittxijja tagħhom għas-Sultan tal-Lhud li twieled f'Betlehem. Dawn iż-żewġ episodji huma rakkontati hekk:

**San Luqa .... Kap.2 .. versi 8/12, 15/18**

.... u kien hemm xi ragħajja fl-egħlieqi jindukraw il-merħliet tagħhom. U ara, Anglu tal-Mulej niżel ħdejhom u huma nħasdu; imma l-Anglu qalilhom, "Tibżawx, ġejt inħabbrilkom ferħ kbir. Illum, fil-belt ta' David tweldikom Salvatur, li Hu Kristu il-Feddej. U dan ikun sinjal għalikom: issibu tarbija mgewżra fil-ħrieqi mimduda f'maxtura." U ġara li meta telaq l-Anġlu, ir-ragħajja qalu lil xulxin, "Ejja mmorru Betlehem u naraw dak li ġara u tħabbar lilna." U telqu jgħaġġlu u sabu lil Marija u Ġużeppi u t-tarbija fil-maxtura. U meta raw fehemu dak li qalilhom l-Anglu u marru lura jfaħħru 'l Alla.

**San Mattew .... Kap.2 .. versi 1/5, 7/11**

Meta l-Magi waslu Ġerusalem bdew jistaqsu, "Fejn hu dak li twieled Sultan tal-Lhud. Rajna l-kewba tiegħu fil-Lvant u ġejna nqimuH". Ir-Re Erodi sema' dan u nkwieta. Sejjaħ il-qassisin u l-Iskribi u staqsihom fejn kien twieled il-Messijja. Huma qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk kitbu l-profeti." Erodi bagħat għall-Magi u qalilhom biex meta jsibu lit-tifel imorru jgħidulu fejn qiegħed biex anke hu jmur iqimu. Wara li semgħu dak li kellu xi jgħid Erodi, il-Magi telqu biex ikomplu jfittxu lil Ġesu. Il-kewba li wasslithom Betlem mill-Lvant, reġgħet imxiet quddiemhom u waqfet fuq id-dar fejn kien hemm it-tifel ma' ommu Marija u offrewlu rigali ta' deheb, inċens u mirra

# Il-Milied qed joqrob ... ejja nħejju l-presepju!



## Sensiela ta' laqgħat għall-Membri

**Bil-mod il-mod qed jitnaqqsu ir-restrizzjonijiet marbuta mal-Covid 19, il-Kunsill Amministrattiv qed jipprepara tliet laqgħat li fil-waqt li jerġgħu jlaqqgħuna flimkien, ituna ċans nitkellmu dwar xi idejat ġodda marbuta mal-presepju u l-istorja tiegħu.**

Dawn il-Laqgħat ser isiru fiċ-Ċentru Franġiskan (Kapuċċini), il-Furjana u jibdew fil-5.30pm f'dawn il-ġranet:

**L-Erbgħa 29 ta' Settembru, l-Erbgħa 13, u L-Erbgħa 27 ta' Ottubru 2021**

Waqt dawn il-laqgħat ikun hemm għal bejgh aċċessorji u oġġetti oħra għall-użu fil-presepju.
- Tista' tgħin lill-Għaqda f'dan ir-rigward billi toffri xi aċċessorji żgħar għal dan l-iskop.
Ċempel fuq **9940 6645** (Charles Bellia) jew **9988 3474** (Daniel Cioffi) għal aktar informazzjoni.

- Billi jista' jkun hemm xi restrizzjonijiet mill-Awtorita tas-Saħħa, qed indaħħlu xi regolamenti żgħar biex nevitaw il-problemi.

- Biex persuna tkun tista tattendi xi waħda jew aktar minn dawn il-laqgħat trid tirreġistra minn qabel billi tibgħat ittra, email jew sms lis-Segretarju.

- Tista' tirreġistra wkoll b'telefonata.
Aktar informazzjoni dwar numri telefoniċi, eċċ ... issibuhom f'paġna 8.
- Membri li jkollhom il-miżata għas-sena 2021 imħallsa jingħataw preferenza.

- Restrizzjonijiet jew protokolli tas-Saħħa jridu jkunu osservati bla ebda riżerva.
Ksur ta' dawn protokolli ma jkunx ittollerat.

- Jekk f'xi laqgħa partikolari in-numru ta' reġistrazzjonijiet jinqabeż, isiru arranġamenti biex il-laqgħa tkun ripetuta f'data oħra għal dawk li jibqgħu barra.

# Mill-Wirjiet li saru barra minn xtutna...



Wirja ta' Presepji Maltin - Acitrezza (CT) 2014



Norway - Kollezjoni Privata - 2020



Wirja f'Acitrezza (CT) - 2014



Wirja ta' Presepji Maltin f'Acitrezza (CT) - 2014



Brussell - Katidral S.S. Michel & Gudule - 2011/2013



Washington DC - Kollezjoni Privata - 2020



Mostra dei 100 Presepi - Roma 2014



Parti mill-Wirja fl-Awstria - 2008